A.L. 346 ta' l-2005

ATT DWAR L-GĦAJNUNA FINANZJARJA LILL-INDUSTRIJI TAL-BIEDJA U TAS-SAJD (KAP. 146)

Regolamenti ta' l-2005 dwar *Cross-Compliance* relatata ma' applikazzjonijiet għall-Għajnuna mill-Unjoni Ewropea ir-rigward ta' l-Aġenzija tal-Pagamenti

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 7 tal-Att dwar l-Għajnuna Finanzjarja lill-Industriji tal-Biedja u tas-Sajd, il-Ministru ta' l-Affarjiet Rurali u l-Ambjent għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:

Titolu u skop.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2005 dwar *Cross-Compliance* relatata ma' Applikazzjonijiet għall-Għajnuna mil-Unjoni Ewropea fir-rigward ta' l-Aġenzija tal-Pagamenti.

(2) L-iskop ta' dawn ir-regolamenti hu li jiddetermina l-istruttura għall-ġestjoni ta' *Cross Compliance*, u l-obbligi relatati ma' dan, b'mod partikolari għar-rekwiżiti statutorji ġestjonali imsemmija f'paragrafu 5 tal-Avviż tal-Gvern Nru.141 tal 15 ta' Frar, 2005, u l-Kondizzjonijiet Agrikoli u Ambjentali, Prattiċi ta' Biedja Tajba, u Kodiċi ta Biedja Għaqlija msemmija f'paragrafu 6 ta' l-Avviż imsemmi li jippermettu:

(a) li jsiru tali obbligazzjonijiet u rekwiżiti li għandhom jiġu rispettati mill-bidwi;

(b) id-definizzjoni ta l-istruttura li għandha titwaqqaf għall-ġestjoni ta' tali rekwiżiti ta' *Cross Compliance*;

(ċ) l-akkwist, mill-Aġenzija tal-Pagamenti, ta' informazzjoni, kwantitativa u kwalitattiva suffiċjenti li tkun ġiet miksuba matul it-twettiq ta' kontrolli fuq il-post, sabiex jiġi applikat kull tnaqqis neċessarju u, jew esklużjonijiet mill-pagamenti diretti li għalihom ikun intitolat il-bidwi, meta dan ikun japplika.

Tifsiriet.

2. (1) Għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti, għandhom japplikaw dawn it-tifsiriet li ġejjin:

"l-Att" tfisser kull waħda mid-Direttivi u Regolamenti individuali elenkati fl-Anness III mar-regolament (KE) Nru. 1782/2003 u emendi suċċesivi;

"awtorità ta' kontroll kompetenti" tfisser il-korp ta' kontroll speċjalizzat responsabbli għat-twettiq tal-kontrolli relatati mar-rekwiżiti u *standards* in kwistjoni kif deskritt f'Artikolu 42 (1) tar-regolament (KE) Nru 796/2004, li huwa fid-Dipartiment IACS fi 'dan il-Ministeru responsabbli għall-Biedja;

"awtorità responsabbli delegata" tfisser l-entità li tista' tigi delegata sabiex tagħmel kontrolli fuq il-post fir-rigward *SMRs* rilevanti tagħhom mill-awtorità ta' kontroll kompetenti;

"*Cross-Compliance*" tfisser l-aderenza mill-bidwi għar-rekwiżiti kollha stabbiliti taħt dawn ir-regolamenti;

"GAEC" tfisser Kondizzjoni Agrikola u Ambjentali Tajba abbażi tal-qafas imwaqqaf fl-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003, u r-rekwiżiti relatati tagħhom kif pubblikati minn żmien għal żmien mill-Ministru fil-Gazzetta;

"Korp Ko-ordinatur" tfisser id-Dipartiment IACS, li hu l-awtorità responsabbli biex jikkoordina l-verifiki li hemm provduti dwarhom f'Kapitolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003;

"Sistema ta' Amministrazjoini Integrata u Kontroll" jew "IACS " tfisser is-sistema deskritta f'Anness II tar-Regolament ta' l-2004 dwar l- Aġenzija tal-Pagamenti;

"SMR" tfisser ir-Rekwiżiti ta' Ġestjoni Statutorji elenkati fl-Anness III mar-Regolament (KE) Nru 1782/2003 u r-rekwiżiti relatati tagħhom kif pubblikat minn żmien għal żmien mill-Ministru fil-Gazzetta;

"*standard*" tfisser *standards* relatati ma' l-Anness III mar-Regolament (KE) Nru 1782/2003, u emendi suċċessivi.

(2) Kull tifsira oħra li hemm fir-Regolamenti ta' l-2004 dwar l-Aġenzija tal-Pagamenti, u fl-Annessi li hemm magħha, għandha tapplika wkoll għal dawn ir-regolamenti.

Konformità ma' l-obbligazzjonijiet.

3. (1) L-għan tal-konformità sodisfaċenti ma' SMRs, GAECs jew mad-disposizjonijiet tal-Kodiċi tal-Biedja Għaqlija u mal-Programm ta'Azzjoni, hu sabiex jippermetti lil-bdiewa jibbenefikaw minn pagamenti diretti, bla ħsara għal kundizzjonijiet oħra speċifikati mill-

awtorità ta' kontroll kompetenti u, jew mill-Aġenzija tal-Pagamenti lit kun responsabbli biex tagħmel pagamenti diretti.

(2) Konformità ma' l-SMRs na jfissirx illi l-bdiewa jistgħu jinjoraw jew ma jikkonformawx ma' rekwiżiti ta' xi leġiżlazjoni, nazzjonali jew Ewropea oħra dwar il-ħarsien ta' l-ambjent, it-trattament xieraq ta' l-annimali u s-saħħa pubblika, dik ta' l-annimali u tal-pjanti. Madankollu, in-nuqqas ta' konformità ma' rekwiżiti ta' xi leġiżlazzjoni, nazzjonali jew Ewropea oħra, ma jwassalx biex il-pagamenti diretti jigu irtirati.

(3) Bdiewa li japplikaw għal pagamenti diretti, għandhom ukoll madankollu jaderixxu ma' dawn ir-rekwiziti. In nuqqas ta' konformità għandha wkoll titiehed in konsiderazzjoni fl-evalwazjoni ta' kull applikazzjoni li tista ssir minn tali bidwi fil-ġejjieni.

(4) Il-Ministru responsabbli għall biedja jista', minn żmien għal żmien, jippubblika linji gwida relatati ma' dawn ir-regolamenti, kif u meta jkun meħtieġ.

Trasferiment ta' ażjenda.
A.L. 126 ta' l-2004.

4. B'referenza għat-trasferiment ta' ażjendi, skond ma hemm provdut fir-regolament 18 ta' Anness II mar-Regolamenti ta' l-2004 dwar l-Aġenzija tal-Pagamenti, meta benefiċjarju jittrasferixxi l-ażjenda kollha jew parti minnha lil persuna oħra, l-obbligi kollha meħtieġa għall-għoti ta' pagamenti diretti għandhom ikunu trasferiti lill-persuna li lilha jkun ġie trasferit.

Nuqqas ta' konformità ta' SMRs u, jew GAECs.

5. (1) Meta ma jkunx hemm konformità ma' SMRs jew GAECs bħala riżultat ta' xi att jew omissjoni direttament attriwibbli lill-bidwi individwali, dan għandu jitqies bħala "nuqqas ta' konformità".

(2) Każijiet ta' nuqqas ta' konformità, f'termini ta' limitu, severità, permanenza u ripetizzjoni ta' nuqqas ta' konformità, għandhom iwasslu għal tnaqqis fil-pagament ta' l-għajnuna kif stipulat f'subregolament (3), ħlief f'każijiet ta' forza maġġuri, skond il-proċeduri adottati mill-awtorità tal-kontroll kompetenti.

(3) F'konformità mar-regoli dettaljati mniżżla fl-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru1782/2003, it-tnaqqis għandu jsir kif ġej:

(i) f'każ ta' negliġenza, il-perċentaġġ tat-tnaqqis m'għandux jaqbeż il-ħamsa fil mija, u fil każ ta' nuqqas ta' konformità ripetuta, il-ħmistax fil-mija;

(ii) fil każ ta' nuqqas ta' konformità bil-ħsieb il-perċentaġġ tat-tnaqqis m'għandux, bħala prinċipju, ikun inqas minn għoxrin fil-mija, u jista' jwassal sa esklużjoni totali minn xi skema waħda

jew skemi diversi ta' għajnuna, u jista' japplika għal xi sena waħda kalendarja jew aktar;

(iii) f'kull każ l-ammont totali tat-tnaqqis u, jew esklużjonijiet għal sena kalendarja waħda ma għandux jaqbeż l-ammont totali ta' għajnuna li ssir applikazzjoni dwaru taħt l-iskemi kollha mmexxija mill Aġenzija tal-Pagamenti matul dik is-sena kalendarja.

Applikabilità ta' tnaqqis jew esklużjonijiet.

6. Kull tnaqqia jew esklużjoni imsemmija f-regolament 5 ta' dawn ir-regolamenti, għandhom japplikaw biss jekk in-nuqqas ta' konformità tkun tirrigwarda:

(a) attività agrikola, jew

(b) xi qasam wieħed jew aktar ta' raba', inklużi l-oqsma ta' raba' mistrieħ.

L-Aġenzija tal-Pagamenti responsabli sabiex tapplika it-tnaqqis.

7. Meta jiġu stabiliti każi ta' nuqqas ta' konformità, mill-awtorità ta' kontroll kompetenti, l-Aġenzija tal-Pagamenti f'Malta għandha tkun responsabbli biex tapplika tnaqqis u, jew esklużjoni mill-ammont ta' pagamenti diretti globali li l-bidwi jkollu jedd li jirċievi, kif stipulat fl-Artikoli 66 u 67 tar-Regolament (KE) 796/2004.

Korp Ko-ordinatur.

8. (1) Skond l-Artikolu 23 tar-Regolament (KE) 1782/2003, id-Dipartiment IACS f'Malta jkun il-Korp Ko-ordinatur dwar *Cross-Compliance*.

(2) Ir-rwol tal-Korp Ko-ordinatur għandu jkun li jwaqqaf l-istrateġija u l-istruttura tar-reġim ta' *Cross Compliance* kif ukoll sabiex jikkoordina l-kontrolli li jkunu saru mill-awtorità ta' l-kontroll kompetenti u sabiex jirrakkomanda sanzjonijiet u pieni li għandhom jiġu ikkunsidrati mill-Aġenzija tal-Pagamenti f'każijiet ta' nuqqas ta' konformità.

(3) Id-Direttur ta' IACS, bħala l-kap tal-Korp Ko-ordinatur, għandu jaħtar *Task Force* biex tagħtih pariri dwar l-aspetti tekniċi.

Awtorità tal-Kontroll Kompetenti.

9. (1) Għandu jkun hemm awtorità ta' kontroll kompetenti fi ħdan id-Dipartiment ta' IACS.

(2) Ir-rwol ta' l-awtorità ta' kontroll kompetenti għandu jkun li jiżgura konformita ma' kull SMR u GAEC skond id-dispozizjonijiet ta' l-Atikolu 44 (1) paragrafu 1, tar-Regolament. (KE) 796/2004.

(3) L-awtorità ta' kontroll kompetenti tista' tiddelega d-dmirijiet tagħha, f'parti jew kollha kemm huma, lill-awtoritajiet

responsabbli, ħlief dawk li bihom twettaq is-selezzjoni ta' kampjuni għall kontrolli, skond id-dispozizjonijiet ta' l-Artikoli 44 u 45 tar-Regolament (KE) Nru 796/2004, li f'ebda każ ma għandha tiġi delegata lil xi awtoritajiet oħra.

(4) l-awtorità ta' kontroll kompetenti, għandha tibgħat ir-riżultati tal-kontrolli kollha li jsiru fuq il-post lil Korp Ko-ordinatur.

Awtoritajiet delegati responsabbli.

10. (1) Meta l-awtorità ta' kontroll kompetenti tiddelega dmirijiet tagħha lill-awtoritajiet responsabbli, dawk l-awtoritajiet responsabli għandhom jassumu l-obligazjonijiet kollha li jiġu delegate lilhom.

(2) L-awtorità responsabli delegata, għandha tibgħat ir-riżultati tal-kontrolli kollha li jsiru fuq il-post lill-awtorità ta' kontroll kompetenti.

(3) L-awtorità responsabbli delegata għandha wkoll tobbliga ruħha li tmexxi 'l quddiem rapporti fuq kontrolli li jkunu saru spontanjament u li jkunu relatati ma' l-Anness III u IV tar-Regolament (KE) Nru 1782/2004, minn dik l-awtorità lill awtorità ta' kontroll kompetenti.

Task Force.

11. (1) B'referenza għar-regolament 8 (3) ta' dawn ir-regolamenti, it-*Task Force* tkun magħmula minn *Chairperson* u minn żewġ rappreżentanti tal-Korp Ko-ordinatur, maħturin mid-direttur tad-Dipartiment IACS u minn rappreżentant ta' l-awtorità ta' kontroll kompetenti u minn rappreżentant minn kull waħda mill-awtoritajiet responsabli delegati.

(2) Ir-rwol tat-*task force* ikun li tirrakkomanda l-kriterji biex tiġi stabilita s-selezzjoni ta' kampjun tal-kontrolli, is-sistema ta' rappurtar, il-mekkaniżmu ta' kalkolu tal-piena u materji tekniċi oħra.

Kontrolli li jsiru fuq il-post.

12. Il-kontrolli li jsiru fuq il-post għandhom isiru skond l-Artikoli 47 u 48 tar-Regolament (KE) Nru 796/2004.

Kriterji għal tnaqqis fil-pagamenti.

13. It-tnaqqis fil-pagamenti, fejn dan ikun japplikabbli, għandu jkun ibbażat fuq il-kriterji previsti mill-Artikolu 41 tar-Regolament (KE) Nru 796/2004.